SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura
Laqgħa Numru 23-21

21 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.45p.m

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku – il-Viċi Sindku kien preżenti għall-laqgħa minn 5.25pm

Terrence Elull - Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti –

Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

23.1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindu Fredrick Cutajar li kien informa 'l-Kunsill li kien ser jattendi aktar tard għaliex kellu laqgħa oħra u l-Kunsillier Terrence Ellul kien ċempel sabiex jinforma li l-Kunsill kellu jibda bil-laqgħa għaliex huwa kien għadu fit-triq. Huma ġew skużati.

23.1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 22-2020

23.1.3 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 22-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Kunsilliera Kyle D'Amato.

23.1.4 Affarijiet finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti :

Is-Sindku Charmaine St John qalet illi l-Kuntrattur tas-*Soft Areas* minbarra il-fatt li mhux qiegħed ikun preżenti Malta għal tul ta' żmien, ma kienx qiegħed iqis iż-żbir tas-siġar bħala parti mill-kuntratt tiegħu. Għalhekk kien ħareġ kont apparti għaż-żbir bla ma kien informa lill-Kunsill. Is-Sindku qalet illi fil-fehma tagħha dan il-kont għaż-żbir ma kellux jitħallas. Is-Sindku spjegat illi l-

*Contracts Manager* kienet qiegħda tipprova torganizza laqgħa mal-kuntrattur tas-*soft areas* flimkien mal-Kunsill sabiex jiġu diskussi ċerti nuqqasijiet li hemm minn naħa ta' dan il-kuntrattur.

23.1.5 Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagament numru CM 22-20 għal perjodu bejn 15 ta' Diċembru 2020 sal-22 ta' Jannar 2021 u minn ċekk numru BOV 8269 sa ċekk numru BOV 8281 u minn *Bank Transfer* 01/21 sa 25/21. .

Nota: Il-Kunsillier Terrence Ellul kien preżenti għall-laqgħa 4.52pm

Il-Kunsill reġa' ddiskuta fil-preżenza tal-Kunsillier Terrence Ellul rigward il-ħlas tal-*pruning* tas-*Soft Areas* li ma kellux jitħallas. Il-Kunsill qabel unanimament.

23.2 Budget għas-Sena 2021

Is-Sindku ressqet il-Budget annwali għas-sena 2021 li diġa' kien diskuss waqt il-laqgħa pubblika. Dan ġie approvat biex jiġi mtella' fuq il-website.

23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Rigal lis-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressqet it-talba għal-ħlas tar-rigal li kien inxtara għas-Segretarju Eżekuttiv bħala kommemorattiva għall-ħidma tagħha. Il-Kunsill qabel.

23.3.2 Żumba Classes

Is-Sindku ressqet il-pjan sabiex nibdew nipjanaw biex isiru l-lezzjonijiet taż-żumba u *aerobics* aktar tard din is-sena. Il-Kunsill qabel.

23.3.3 LC Care

Is-Sindku qalet illi l-*extension* għall-iskema tal-LC Care għal sitt xhur oħra kienet ġiet approvata. Hija spjegat illi l-kunsill kien talab għal kwotazzjonijiet għal Traps u Cat Shelters ġodda. Is-Sindku qalet li l-*feeders* kienu qed jilmentaw illi l-*cat shelters* li xtrajna ma kienux tajbin, u fuq parir mingħand l-*animal welfare* u waħda mill-*feeders* l-aħjar *cat shelter* kienu dawk li ma jserruħux mal-art. Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet u d-*drawbacks* li għandhom il-*cat shelters* li diġa nxtraw u qabel illi jekk kien fadal biżżejjed fondi għandhom jinxtraw żewġ *elivated cat shelters* oħra u tlett *traps.*

23.5.4 Użu tat-*tablets*

Is-Sindku qalet illi issa li nxtraw it-*tablets* il-Kunsill ma kienx ħa jibqa' jipprintja aktar karti bla bżonn sabiex nibżu għall-ambjent u nmorru *green*. Il-Kunsill qabel.

23.5.5 Sculpture Garden

Is-Sindku qalet illi kienu ċemplulha mill-Ministeru tal-Energija rigward l-*Sculpture Garden*. Hija qalet illli x-xogħolijiet kienu ser jsiru f'fażijiet:

Phase 1 – jitnaddaf
Phase 2 – isiru l-funtani

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal illi l-idejal issir laqgħa fejn huwa jkun jista' jindika l-irħam mirdum li hemm fix-xmara sabiex ma jitkissirx. Il-Kunsill qabel.

*23.5.6 Water be the change*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi bejn id-29 u 31 ta' Jannar, 2021 kien ser jigi t-trakk li qiegħed joffri għajnuna lir-residenti sabiex isarrfu l-*voucher* tal-apparat sabiex jitnaqqas il-ħela tal-ilma. Hija qalet illi trakk kien ser ikun pparkjat wara l-Knisja fejn hemm bizzejjed parkeġġ.

23.5.7 Yukka u Żbir ta' Siġar

Is-Sindku qalet illi l-Kappillan kien talab lill-Kunsill sabiex tinqala' Yukka li kienet qiegħda tagħmel ħsara fl-istruttura viċin il-Knisja. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien talab kwotazzjoni sabiex tinqala' l-yukka. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

Is-Sindku qalet illi kien hemm bżonn illi jsir iż-żbir ta' ċertu siġar ukoll u li għalihom il-Kunsill kien talab il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ukoll approva li jsir iż-żbir skond l-orħos kwotazzjoni.

23.5.8 Spi.Sci.2.2021 Finanzjament għal Żvillupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields

Is-Sindku qalet illi kienet ħarġet skema fejn il-Kunsilli setgħu japlikaw għal fondi sabiex nirringaw il-bandli. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi għandna naplikaw għal bandli li hemm fi Triq Inez Soler il-parti li tigi wara l-ħanut tal-Convenience.

23.5.8 Tnedija tal-Proċess għas-sejħa ta' nteress għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031

Is-Sindku qalet illi l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni sabiex l-Kunsill juri l-interess u finalment jissottometti l-proposta tiegħu għal presidenza ta' Kultura. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi Santa Lucija diffiċli li ngħidu li nistgħu naplikaw għal Kapital tal-Kultura.

23.5.9 Preliminary Market Consultation

Is-Sindku qalet illi l-PMC (*for the provision of Catering Service Establishments*) kienet ġiet ippubblikata fuq l-*epps.* Il-Kunsill qabel illi s-Sindku għandha tieħu l-pożizzjoni ta' *chairperson* filwaqt illi l-Kunsilliera kollha jkunu evaluators.

23.5.10 Pitch Booking

Is-Sindku qalet illi kienet iltaqgħet ma persuna li tixtieq tibda tirreklama l-kiri tal-grawnd tal-futbal fuq il-*website*. Is-Sindku spjegat kif ser taħdem is-sistema u l-*commission* li kellu jieħu din il-persuna. Il-Kunsill qabel illi għandna ningħaqdu f'din il-website pero' l-kiri tal-loghob għandu jkun identifikat minn qabel sabiex ma jinkeriex il-ħin li ssoltu jilagħbu t-tfal. Il-Kunsill qabel illi għandna ngħidulu sabiex javviċina lill-Kunsillier Terrence Ellul.

23.5.11 Proġett tal-Iskola

Is-Sindku qalet illi persuna li kienet qed tagħmel il-*Masters Degree* kellha tagħmel proġett ili kien ser jinvolvi l-iskola, it-tfal u l-komunita'. Is-Sindku spjegat illi l-Kunsill kellu jidentifika numru ta' anzjani fil-lokal, it-tfal jagħmlu kartolina ta' kuraġġ għal dan iż-żmien u l-ġenituri jixtru jew preferabbilment jagħmlu xi rigal ċkejken sabiex jingħata lill-anzjani mal-kartolina tat-tfal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

Nota: Il-Vici-Sindku s-Sur Fredrick Cutajar kien preżenti għal laqgħa 5:26pm

23.5.12 Drip Irrigation

Is-Sindku ssuġġerixxiet illi l-kuntratt sabiex issir is-sistema tad-*drip irrigation* jista' toħog *b'design and build* la l-Kunsill baqa' m'ghandux disinn kif ghandha tigi l-istess sistema. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandu joħroġ dan il-kuntratt fejn nistiednu lill-kuntratturi joħorġu huma bl-idejat.

23.5.13 Is-Sindku spjeget x'kien ġara lis-siġar ta' Triq Bruka. Hija spjegat illi meta kienu qiegħdin isiru x-xogħolijiet, b'inċident inqatgħu l-għeruq u għalhekk is-siġar sfortunatament għelbu. Hija spjegat ukoll illi Infrastructure Malta kienu kkonsultaw mal-ERA sabiex jitneħħew is-siġar u li minflokhom kellhom jitħawlu siġar oħra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi importanti li jitħawlu siġar oħra minflok titħawwel preferibbilment tal-Prinjol.

23.5.14 Is-Sindku qalet illi xtaqet titkellem fuq il-punt tal-assentiżmu li saret fil-laqħa preċidenti. Hija qalet illi fil-fehma tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv meta kunsillier ikun informa lill-Kunsill li ma setax jattendi għal laqgħa għaliex ma kienx jiflaħ jew għaliex iħossu vulnerabbli minħabba l-pandemija, dan m'għandux jitqies bħala assenti mill-laqgħa iżda skużat. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni u qabel illi dan il-punt għandu jerġa' jiġi rivedut.

23.6 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u staff klerikali tal-Kunsill

Is-Sindku ressqet ir-rapporti tal-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu fuq ir-rapport. Tali rapport għandu jitressaq għall approvazzjoni tad-Dipartment qabel jitħallas.

Is-Sindku ressqet ir-rapport tal-Performance Appraisal tal-istaff klerikali tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament.

23.7 Office Furniture

Is-Sindku qalet illi l-iskrivani kienu qed iħossu l-bżonn illi jitranġaw l-uffiċċini amministrattivi. Il-Kunsilliera ddiskutew l-aħjar mod kif jista' jsir dan u l-Kunsillier Terrence Ellul offra li jiprovdi xi disinni addattati. Il-Kunsill qabel illi minħabba li dalwaqt jinbena ċ-ċentru ċiviku ma kienitx tagħmel sens illi jintefqu ħafna flus u għalhekk it-tibdil għandu dejjem jibqa' sempliċi.

23.8v Kameras Pjazza Dorell u Pjazza 7 ta' Lulju

Is-Sindku qalet illi l-Kunsill kien talab għal kwotazzjoijiet għal kameras. Hija qalet illi l-kamera għal Pjazza Dorell kellna l-kwotazzjoni ta' 2215 Euro filwaqt illi dik għal Pjazza 7 ta' Lulju kellna kwotazzjoni ta' 1805 Euro. Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet.

23.9 *Dog Park Furniture*

Is-Sindku qalet illi l-Kunsill kien ukoll talab għal kwotazzjoni sabiex isir id-*dog park*. Hija qalet illi l-istima kienet ta' 3,663 Euro u li din l-ispiża ma kienux ser jħallsu għaliha Infrastructure Malta iżda kellu jħallas għaliha l-Kunsill. Is-Sindku għaddiet il-kwotazzjoni bl-*isketch* ta' kif kien ser jigi l-passaġġ u l-bankijiet lill-Kunsilliera. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel fuq din il-kwotazzjoni.

23.10 Rapporti

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-*Contract Manager* tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Jannar 2021 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Diċembru 2020.

23.11 Rapport mill-Kunsilliera

Il-Viċi Sindku staqsa għaliex ma kienx hemm preżenti waħda mill-istaff waqt li kienet qed tinżamm il-laqgħa tal-Kunsill bħal ma kien isir minn zmien ilu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi hija ma kinitx tħoss il-bżonn li jkollha waħda mill-istaff waqt il-laqgħa. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni u qabel li sa kemm jinħass il-bżonn l-istaff m'għandux għalfejn jibqa' bis-sahra meta jinżammu l-laqgħat tal-Kunsill.

23.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis 6:09pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 25 ta’ Frar, 2021 fl-4.45pm.

Konfermati illum il-___________, ta’ ___________2021.

Iffirmata
Charmainie St John
Sindku

Iffirmati
Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv